**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 495/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Daren Grima**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Daren Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 531479M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'Gunju 2008, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Miroslav Pfeifer detentur ta' passaport Pollak numru AA 6759355, ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 301 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Miroslav Pfeifer detentur ta' passaport Pollak numru AA 6759355, ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi kiser id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 7 Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu fis-16 ta' Frar 2007 mill-Qorti ta' l-Appel Kriminali;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ottubru, 2015 li biha ma sabitux hati inkwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom, izda, sabitu hati tar-reat inkwadrat fl-art. 85 tal-Kap. 9 li hu kompriz u involut ghar-reat addebitat lill-imputat Daren Grima fit-tieni imputazzjoni u inoltre sabitu hati tal-ahhar imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena

komplessiva ta' elf u tlett mitt ewro (Eur1300) multa. Il-Qorti a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 ordnat lill-imputat Daren Grima li fi zmien hmistax (15)-il gurnata mil-lum ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn u ghoxrin ewro u erbgha u tletin ewro centezmi (Eur220.34) rigwardanti spejjes inkorsi f'din il-kawza dwar traduzzjonijiet.

Rat l-att prezentat minn Miroslav Pfeifer fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2015 bl-ilsien Ingliz li permezz tieghu l-istess Miroslav Pfeifer jallega "a miscarriage of justice"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellat;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell kien appuntat ghas-smiegh l-ewwel darba ghas-seduta tal-20 t'April, 2017 fil-11.20 izda minkejja li deher l-appellat u l-Avukat Generali, Miroslav Pfeifer, l-appellant, ma deherx peress illi ma kienx notifikat u dan ghaliex ma ddepozita ebda indirizz tieghu dwar fejn jista' jkun notifikat u ghalhekk l-appell kien differit *sine die.*

2. Illi wara rikors ta' Miroslav Pfeifer tal-21 ta' Dicembru 2017, l-appell rega' kien appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tal-5 ta' Frar, 2018 fl-10.40. F'dik is-seduta, kien prezenti l-appellant u l-Qorti nnominat lill-Dr. Arthur Azzopardi sabiex jittraduci mill-ilsien Malti ghal dak Ingliz u *vice versa*

stante li l-appellat ma jifhimx bl-ilsien Malti. F'dik is-seduta, l-appellat rregistra s-segwenti eccezzjoni:

> **" Dr. Martha Travers Tauss ghall-appellat teccepixxi n-nullita' tal-appell fl-ewwel lok ghaliex il-parte civile ma ghandu ebda locus standi biex ikun jista' jaghmel dan l-appell, fit-tieni lok li l-appell huwa nieqes mill-elementi rikjesti mill-ligi"**

Fl-istess seduta l-Avukat Generali kkonkorra ma' dawn l-eccezzjonijiet u ghalhekk l-appell thalla ghas-sentenza fuq dawn l-eccezzjonijiet preliminari;

3. Illi l-att li bih il-parti offiza donnha qed timpunja s-sentenza tal-ewwel Qorti qed ikun hawn riprodott *verbatim* :

   A. **The criminal was cleared from all serious criminal charges, against all true evidences presented and existed in the case file.**
   B. **D. Grima, committed the crime on the date, 27 September, 2007 and within his 2 years probation time commenced: 16 February, 2007.**
   C. **The previous prosecutor committed international error in date of the crime on document: Pulizija Esekuttiva, dated: 09.07.2008 as he states that the crime was committed on different dates, leaved D. Grima free from any criminal charges and clear him from eventual violation of probation terms and condition /see Police Report 8/R/304/2007 with part of D. Grima's false statements, not investigated by prosecutor**

      **The previous police inspector, acting as prosecutor on police criminal case vs D. Grima, was removed from the case by the Police Commissioner for his part as he did Intentional Negligence to the case in many aspects and when he takes side of criminal and his criminal defender acting openly for them, protecting the crime.**

      **According to above, the document with intentional error by previous prosecutor should be excluded from the case and**

**invalid, as prosecutor who did his for some reasons, was removed from the police case.**

D. **The police commissioner promised new prosecutor, fair trail to the victim, review/reopen and repair all damage to the case done by the previous prosecutor.**

**Unfortunately, due to manipulations of the case by criminal defender, who takes advantage on weak system of justice and serious illness if the Magistrates the case was postponed forever by various reasons over any responsible and acceptable period of the time, in that simple basic and elementary case, drowned over several years for nothing.**

**The justice authority set up over 38 dates of the case sessions in the Court, when actually hearing ruling days was just 6-7 in total only.**

**The new prosecutor was unable to said anything to the case since 17 July 2014 until the last day as the Magistrate medically unfit and under constant pressure of the Criminal Defender, and the others closed down the case and legally restricted new prosecutor to said one word about any irregularity in the case.**

**The miscarriage of the justice was obvious and the victim of the crime was denied fair trial and rights to mutual justice based on objective judgement. The partial justice was inappropriate in that case after all.**

4. Mill-atti processwali jemergi illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 t'Ottubru, 2015 Daren Grima kien liberat mill-ewwel u mit-tieni imputazzjoni izda misjub hati ta' reat kompriz u involut ex artikolu 85 tal-Kodici Kriminali u tat-tielet

imputazzjoni fi procediment li kien istitwit mill-Pulizija Esekuttiva fuq talba ta' Miroslaw Pfeifer (Fejfer). Daren Grima ma appellax minn din is-sentenza izda permezz ta' nota tat-2 ta' Novembru 2015, il-Kummissarju tal-Pulizija gharraf lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li kien fi hsiebu jappella minn dik id-decizzjoni u ghalhekk ai termini tal-artikolu 414(1) tal-Kodici Kriminali, talab lill-Qorti tibghat l-atti lill-Avukat Generali. Din in-nota saret fiz-zmien prevvist mill-artikolu appena msemmi (tlett ijiem tax-xoghol li llum huma estizi ghall-hamest ijiem tax-xoghol bis-sahha tal-Att I tal-2018) u l-atti kienu trasmessi lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi. L-Avukat Generali rega baghat l-atti lura lill-Qorti decidenti bir-rimarka "No Appeal" taht il-firma ta' Dr. Kristina Debattista ghall-istess Avukat Generali bid-data tal-11 ta' Novembru, 2015. Il-Qorti tosserva illi l-parti offiza ma ghamlet ebda talba ghat-trasmissjoni tal-atti lill-Avukat Generali kif jitlob l-artikolu 414(1);

5. Maghmula din l-osservazzjoni, jokkorri issa ezami tal-artikol tal-Kodici Kriminali applikabbli ghad-dritt tal-appell minn sentenzi tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali. L-artikolu 413 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar min jista' jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u s-subartikolu (1) tieghu dejjem kien meqjus li jitkellem car meta jaghti dan id-dritt f'kull kaz lill-persuna misjuba hatja; lill-Avukat Generali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 413(1)(b) u lill-kwerelant fil-kazijiet msemmija fl-artikolu 373; u lill-Avukat Generali fil-kazijiet l-ohra kollha (413(1)(c). Kif kostantement deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali, jipprexxendi minn dan illi d-dritt t'appell tal-kwerelant huwa konfinat biss ghal-dawk ir-reati: a) li jkunu ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ravvizati fl-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali flimkien mal-artikolu 371; (b) prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti offiza; u c) li l-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz skond kif provdut fl-artikolu 374. Qed issir referenza ghas-sentenzi Il-Pulizija vs Alfred Vella App Krim 157/99 tal-24 ta' Frar, 2000, Il-Pulizija vs Joseph Bugeja App

Krim 439/2007 tal-25 ta' Jannar, 2008 u Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard App Krim 356/2009 tal-21 ta' Jannar 2011;

6. Issa, fil-kaz odjern, il-kwistjoni ma kienitx fil-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (l-ewwel imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 308 timporta piena ta' prigunerija sa seba' snin meta l-artikolu 370(1)(b) llum jistabilixxi l-kompetenza originali sa sentejn prigunerija u fiz-zmien li fih tressaq Daren Grima kien ta' sitt xhur). Inoltre, il-prosekuzzjoni tmexxiet mill-Pulizija Ezekuttiva u mhux mill-parti offiza u s-sentenza inghatat fil-konfront tal-Pulizija u tal-imputat u mhux fil-konfront tal-parti offiza u l-imputat. Kif deciz fl-appell Alfred Vella citat *supra*, il-fatt li l-parti leza tkun ikkostitwiet ruhha bhala parti civili fit-termini tal-artikolu 410 tal-Kodici Kriminali ma jfissirx li ghandha dritt ta' appell fi proceduri kriminali;

7. Illi huwa manifest illi l-unici persuni li setghu jappellaw mis-sentenza kontra Daren Grima kien Daren Grima stess u l-Avukat Generali u ghalhekk l-appellat ghandu ragun fl-eccezzjoni preliminari tieghu. Ghandu ragun ukoll meta jecepixxi n-nullita' tal-appell kwantu huwa mankanti mill-kwalifiki tieghu *qua* rikors ta' appell u dan stante li bl-ebda mod immaginabbli ma jirrispetta dak rikjest fl-artikolu 419(1) igifieri la jikkontjeni l-fatti fil-qosor, la r-ragunijiet tal-appell u wisaq anqas talba ghat-tahsir jew tibdil tas-sentenza. Anke bl-emendi introdotti bl-Att I tal-2018 li taffew l-effetti ta' nuqqas ta' adempiment ma' dawn ir-rekwiziti, l-iskrittura tal-kwerelant ma tistghax titqies li hi rikors ta' appell. Anke li dan ma kienx hekk, l-iskruittura tiddifetta minn element indispensabbli iehor, dak li ma tistax tkun iffirmata hlief minn Avukat ex artikolu 419(3) tal-Kodici Kriminali;

8. Ghal din ir-raguni l-appell qed ikun dikjarat irritu u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-att tal-parti offiza li bih interponiet l-appell odjern.